MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Numru 209/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Caruana)**

**vs**

**Francis Cremona**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Francis Cremona ta’ 17-il sena bin Francis u Theresa nee` Attard, imwieled Pieta` fl-4 ta’ Gunju, 1984, li joqghod 32 Simon Flats, Flat 1, Triq iz-Zonqor Sta Venera detentur tal-Karta ta’ l-Identita 287184 M.

Akkuzat:

1. talli f'Haz-Zabbar, fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Settembru, 2001, ikkommettejt serq ta' mutur tal-marka Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni FAF-065, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Carmelo Cassar.

2. talli fis-6 ta'April, 2001 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'Malta xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.

3. talli fid-9 ta' Novembru, 2001 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-gzejjer soqt mutur tal-marka Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni FAF-065 minghajr licenzja tas-sewqan b'hekk ma kontx kopert b'polza tas-sigurta` jew garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan kollu ai termini ta' l-Artikolu 3 tal-Kap 104, tal-Ligijiet ta' Malta.

4. talli data, lok, hin u cirkostanzi, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-gzejjer sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik jew ghal haddiehor, f'xi document mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamilt dikkjarazzjoni jew stqarrija jew tajt taghrif falz, billi wahhalt pjanci tar-registrazzjoni foloz (FAD-992) fuq mutur tal-marka Yamaha u dan bi ksur ta' l-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali Kap9, tal-Ligijiet ta' Malta.

5. finalment talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni jew ghamilt uzu minn dokument iehor iffalsifikat billi ghamilt uzu minn pjanci tar-registrazzjoni u cioe (FAD-992) billi hassart/biddilt in-numru ta' l-imsemmija vettura li ufficjalment iggib in-numru FAF-065 u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminal tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tal-akkuzi dedotti kontra tieghu l-imputat hu akkuzat ta’ serq kwalifikat bil-hin, valur li ma jeccedix l-Lm1000 u xorta tal-haga misruqa, ta’ ricetazzjoni, ta’ falsifikazzjoni u taht il-Kap 104 talli saq mutur minghajr licenzja tas-sewqan u ma kienx kopert b’polza tas-sigurta` jew garanzija dwar riskji ta’ terzi persuni.

L-imputat illum irregistra ammissjoni, liema ammissjoni hi volontarja u nkondizzjonata u li ppersista fiha anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Illi fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni l-Qorti qeghda ssib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti.  Rat ghal dan il-fini l-Artikolu 262 (f) (c) (g), 270, 271 (g), 267, 279 (a), 280 (1), 188, 189, 325, 17, 31, 39 tal-Kap 9 u l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tikkundannah Lm25 multa u tilliberah bil-kundizzjoni li jaghmilx reat iehor f’perjodu ta’ tlett snin mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------